Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

It- Tlieta,11 ta' April 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

Camille Scerri- Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.09pm

**55.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

55.1.1 Is- SE infurma lill- Kunsill li l- Kunsillera Camille Scerri ma setatx tattendi l-laqgħa peeress li kienet tinsab indisposta. Il-Kunsill aċċetta t-talba tagħha.

**55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

55.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tlieta u Ħamsin u Erba' u Ħamsin laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

55.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**55.3 Komunikazzjoni tas- Sindku**

55.3.1 Is- Sindku kien ta' l-opinjoni li bħala Kunsill biex ma jergax jiġi repetut il-kwistjoni li kellna ma' l-Arċikonfraternita' ta' San Guzepp fir-rigward tal-ħruq tan-nar minn fuq il-pont ta' Gomorino għal festa ta' San Guzepp għandna nibdew minn issa b' diskussjonijiet ma' l-istess socjeta' u tinstab soluzzjoni għal dan it-tlugħ tan-nar. Il-Kunsill qabel ma' l-opinjoni tas-Sindku

55.3.2 Is- Sindku talab lis- Segretarju biex jikteb lil Infrastructure Malta biex naraw meta ser jibdew it-taħdidiet ma' l-istess awtorita' fir-rigward tat- tlett snin ħidma li qed joffru lil Kunsill f'dak li jirrigwarda xogħolijiet pubbliċi.

55.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' rapprezentant ta' Infrastructure Malta biex jiġu nstallati tlett sprinklers ta' l-ilma ħdejn it-tinda tal-karozzini.

55.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li hekk kif ingħata t-tender għal servizzi ta' perit ser issir laqgħa nar it- Tlieta 25 ta' April ma' DTR biex jigu pprogrammati ix-xogħolijiet li għandu f'moħħu l-Kunsill.

55.3.5 Is- Sindku kien ta' l-opinjoni li hekk kif daħħlet ir-rebbiegħa għandna nerġgħu nibdew il-ħarġiet ta' l-anzjani. Il-Kunsill qabel u għanduisir tentattiv biex din il-ħarġa ssir f' Mejju.

55.3.6 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li ser issir laqgħa ma Transport Malta fejn ser tiġi diskussa t-tema ta' mobilitazzjoni sostennibbli.

**55.4 Skemi għall- Kunsilli Lokali**

55.4.1 Is- SE infurma lil Kunsill bl-iskemi ta' finanzjament mnieda mid- Direttorat għall- Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy li kienu Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024- Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex - Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati - Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali u Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023.

**55.5 Proġett CERV- La Via del Barocco**

55.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet b'rabta ma' l-organizzazzjoni tal- Proġett La Via Del Barocco li kienu ta' lukandi, trasport, ko-ordinatur tal-proġett, reception,kantanta għal kuncert ta' l-okkazjoni u rigal lil Comune ta' Caltagirone

55.5.2. Il-Kunsill approva f' kull kategoria l-irħas offerta sottomessa li sussegwentement kienu IKYY Hotel u ST. Hotels, Peppin Garage, La Dolce Pasticceria, Rosabelle Bianchi u Roberto Andolfi rispettivament.

55.5.3 Is- SE fakkar lill-Kunsill li l-flus li ser jitħallsu mill-Kunsill, ser jiġu rifuzi mill-Unjoni Ewropea aktar 'l quddiem

**55.6 Ilmenti u items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill**

55.6.1 MHAL- Invit għal stakeholders briefing ' Vizjoni Strategika tal-Gvern Lokali"

55.6.2 Motors Inc.- Talba għal filming ta' karozza fit-toroq prinċipali ta' l-Mdina. It-talba ma ġietx aċċettata.

55.6.3 Cirk.AKL- Stedina għal konferenza ECAD.

55.6.4 Mnarja 2023- Talba għal attivita' b'rabta mal- Festa ta' L-Mnarja ġewwa l-Mdina minn MAFA-Ops. Il-Kunsill approva din l-attivita'

55.6.5 Gbid- tal- Film " Breeder S3"- Il-Kunsill talab li jibdew it-taħdidiet ma' din il-kumpanija.

**55.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

55.7.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 11 ta' April 2023 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 23,137.15

55.7.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**55.8 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

55.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 17.22pm u ġiet aġġornata għas-15 ta' Mejju 2023

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___15 ta' Mejju 2023__